TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 5/12 (JE).

Joseph Caruana

vs

Shoe Market Retail Stores Ltd.

Illum, 25 ta' Frar 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Joseph Caruana tas-6 ta' Jannar 2012 fejn stqarr illi bħalma jagħmel kull sena, mar jixtri boots mill-ħanut "Shoe Market" ta' San Ġwann. Peress illi ma kellhomx is-size mitlub, bagħtuh fl-istabbiliment ta' Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta. L-attur stqarr ukoll illi huwa dejjem jixtri l-boots size akbar biex ikun jista' jilbes żewġ pari kalzetti. Meta mar id-dar u liebes iż-żarbun fuq kalzetti rqaq biss, iż-żarbun ma daħalx. L-għada mar bih imma tal-ħanut qaltlu li ma kellhomx akbar u ma tawhx il-flus lura.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta fejn qalet illi l-attur kien aċċetta illi l-boots jiġu mwessa' permezz ta' makna apposta. Meta l-attur mar biex jiġbor il-boots imwessa', il-boots kien għadu m'hux lest u kien f'dan il-punt illi l-attur biddel fehmtu u ried il-flus lura. Peress illi l-boots kien laħaq twessa u ma jistax jiġi mibjugħ lil ħaddieħor, it-talba attriċi ma setgħetx tintlaqa'.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, jidher illi l-attru messu' wera' ftit aktar paċenzja u stenna ftit tal-ħin sakemm is-soċjetà konvenuta tlesti t-twessiegħ taż-żarbun in kwistjoni. Illi hu rimarkevoli illi l-avviż tiegħu, l-attur ma semma xejn illi huwa kien aċċetta illi ż-żarbun in kwistjoni jitwessa' mis-soċjetà konvenuta. Illi t-Tribunal iħoss illi tali omissjoni tal-fatti kif realment ġraw tirrassenti mid-disprezz.

Illi t-Tribunal iħoss illi ġjaladarba l-attur kien aċċetta illi ż-żarbun in kwistjoni jitwessa, kif hu stess rrikonoxxa fix-xhieda tiegħu, huwa kellu jistenna sakemm tali twessiegħ isir. Is-soċjetà konvenuta hija għalhekk iġġustifikata illi ma tirrifondiex il-flus taż-żarbun in

kwistjoni ġaladarba sar l-intervent fuqu ta' twessiegħ kif miftiehem ma' l-istess attur peress illi b'hekk, iż-żarbun ma jistax jinbiegħ lil terzi.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tal-attur. B'dana illi l-attur ikollu d-dritt jieħu lura ż-żarbun in kwistjoni.

Stante n-natura tal-kwistjoni, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.